# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 19 ta' Frar 2001**

**Avviz. numru 2244/98**

**Numru 32**

**Felice Sammut**

**vs**

**Anthony Galea**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju jizgombra mill-ghalqa denominata tal-Blata tal-Melh fil-Bahrija u jhott il-mansab li hemm fl-istess ghalqa, liema ghalqa hi okkupata mill-attur bi qbiela, u liema atti u okkupazzoni qed jigi mwettaq abusivament u minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjez. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni. Ghall-fini ta' kompetenza jigi dikjarat li l-valur tal-mertu ma jeccedix il-hames mitt lira maltin (Lm500).

Wara li rat, ukoll, dak verbalizzat a fol 16 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fil-5 ta' Frar 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici kif dedotti mill-istess avviz u tikkundanna lill-konvenut sabiex sad-19 ta’ April 2001 jizgombra mill-ghalqa denominata tal-Blata tal-Melh fil-Bahrija u jhott il-mansab li hemm fl-istess ghalqa, liema ghalqa hi okkupata mill-attur bi qbiela u liema atti u  okkupazjoni qed jigu imwettqa abusivament u minghajr ebda titolu validu fil-ligi da parti tal-istess konvenut.

Alan Calleja
Dep.Reg